RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 16**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija iltaqa` nhar** Data u ħin
**l-Erbgħa 8 ta' Frar 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A15**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgħa A15 jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A15

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A15**

2.01 7.01.2 Is-Sur Paul Galea qal li mhux Triq il-Fiera kienet magħluqa iżda Triq il-Palazz. Għaldaqstant għandha tiġi emendata hekk kif ġej: 'Triq il-Palazz kienet magħluqa għat-traffiku'. Korrezzjonijiet tal-Minuti A15

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A15**

3.01 5.03 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv Parti minn Triq in-



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

għadu qed jistenna l-permess bil-miktub mingħand sid il-biċċa art fi Triq il-Ġojjin qabel ma jagħtiha l-konkos. Namura u Triq il-Ġojjin

3.01.1 Is-Sur Paul Galea saħaq dwar l-importanza li din it-triq issir bil-konkos sabiex jigi evitat li jinqala` t-tarmac li għadu kif sar fi Triq in-Namura.

3.02 7.03 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li t-tabella tal-Landrijiet giet ordata. Tabella tal-Landrijiet

3.03 7.04 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-istima nġabret u dawn it-tabelli ġew ordnati. Sinjali tat-traffiku fil-Fiddien

3.04 7.09 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li għadna qed niġbru l-istimi tat-tranġar ta' dan il-ħajt. Ħajt imwaqqa

3.05 7.10 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Wied tal-Marġa tnaddaf. Tindif tal-Widien

3.06 7.11 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta approvatilna żewg bozzoz. Talba biex tiddawwal aktar it-Triq tal-Baħrija

3.07 7.12 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq iċ-Ċanta saret. Applikazzjoni ghal bozza ġdida

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv. Komunikazzjoni mis-S.E.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur George Attard ippropona li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat ittra lir-residenti fejn inħeġġuhom jibgħatu t-talbiet, l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom sabiex inkunu nistgħu naħdmu fuqhom. Suggeriment tas-Sur George Attard

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li kienet ser ittella` l-proposta tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 6.00 Aġġornament

6.01 L-aġenda giet eżawrita u l-laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m. Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012 fis-6.00 p.m. Aġġornament

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**